



Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15359/23

CDR 180

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Mejju 2023¹, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sa Henrike MÜLLER, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 13902/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Henrike MÜLLER, il-Gvern Ġermaniż ippropóna² lis-Sur Emanuel HEROLD, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Mitglied der Bremischen Bürgerschaft* (membru tal-Parlament tal-Land ta' Bremen), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
 4. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 15318/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħha li jmiss.
-

² 15308/23.